MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 106/2013

**F. Cordina & Sons (S&A) Limited (C-6682)**

**vs**

**Dolphin Industrial Services Limited (C-2832**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi in forza ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 20 ta' Ottubru, 2009, l-esponenti kriet lis-socjeta' intimata, kopja esebita Dok A, il-fond 'Corner Showroom', minghajr numru u isem, gia' maghruf bhala F. Cordina & Sons Limited, konfinanti ma' Triq is-Sebha, maghruf ukoll bhala Mriehel Bypass, u b'entratura minn Triq il-Kanun, Qormi, kif ahjar deskritt fl-iskrittura msemmija;

2. Illi l-intimata hija moruza fl-ammont ta’ kera ta’ hmistax-il elf tmien mija sitta u tmenin Euro ghoxrin centezmu (€15,886.20) rapprezentanti arretrati ghall-perjodu 20 ta’ Frar 2012 sad-19 t’Awissu, 2013;

3. Illi l-intimata hija wkoll inadempjenti fis-sens iilli inti nqast illi tipprovdi ‘revolving Bank Guarantee’ a tenur ta’ l-art 9 ta’ l-iskrittura u din hija inadempjenza kontrattwali;

4. Illi l-esponenti inutilment interpellat lill-intimata permezz ta’ ittra ufficjali tad-9 ta’ April, 2013, izda din baqghet inadempjenti.

5. Illi l-esponenti kontestwalment ma’ dan ir-Rikors ipprezenta Dikjarazzjoni Guramentata u Affidavit u dan a tenur ta’ l-art 16A tal-Kap 69. L-esponenti a fini tad-disposizzjoni tal-Kap 69 indikata f’dan il-paragrafu jiddikjara bil-gurament illi sa fejn jaf huwa l-intimata m’ghandiex eccezzjonijiet jew difiza x’taghti;

6. Illi dan ir-rikors qed jindika b’mod l-aktar car illi dawn huma proceduri sommarji li fihom is-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza jekk l-intimat ikun kontumaci f’dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqos milli juri f’dik is-seduta li jkollu difiza li tiswa u li jista’ jaghmel sabiex jikkontesta. Ghalhekk il-kumpanija intimata jew rapprezentant taghha ghandu biex jidher quddiem il-Bord fil-gurnata u l-hin imsemmija.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bil-qima lil dan il-Bord:

1. Joghgbu jghaddi ghad-decizjoni minnufih billi jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-art 16A;

2. Tiddikjara u ticciedi illi l-intimata hija moruza fil-pagament fl-ammont ta’ hmistax-il elf tmien mija sitta u tmenin Euro ghoxrin centezmu (€15,886.20) rapprezentanti arretrati ghall-perjodu 20 ta’ Frar 2012 sad-19 ta’ Awissu, 2013 u dan in vjolazzjoni ta’ l-art tal-kuntratt imsemmi;

3. Tikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' hmistax-il elf tmien mija sitta u tmenin Euro ghoxrin centezmu (€15,886.20) rapprezentanti arretrati ghall-perjodu imsemmi;

4. Tordna x-xoljiment tal-lokazzjoni u l-iskrittura imsemmija tal-25 ta' Ottubru, 2009;

5. Tordna l-izgumbrament tas-socjeta' intimata fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Bord mill-fond fuq imsemmi 'Corner Showroom', minghajr numru u isem, gia maghruf bhala F. Cordina & Sons Limited, konfinanti ma' Triq is-Sebha, maghruf ukoll bhala Mriehel Bypass u b'entratura minn Triq il-Kanun, Qormi, kif ahjar deskritt fl-iskrittura msemmija;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u ta' ittra ufficjali tad-9 ta' April, 2013 u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi.

Il-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti tar-rikors;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza bil-procedura sommarja fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' intimata kienet debitament notifikata bl-atti skond il-ligi. Wara li kien hemm qbil ghal zewg differimenti ghall-probabbli transazzjoni bla pregudizzju ghad-dritt tal-procediment sommarju fin-nuqqas, il-Bord kien infurmat illi ma ntlahaq l-ebda ftehim u s-socjeta' intimata ma deheritx sabiex titlob li tkun awtorizzata tikkontesta l-kawza;

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti ikkonferma bil-gurament tieghu illi ma kien hemm ebda kambjament fil-fatti minn meta kien intavolat ir-rikors odjern;

Illi wara li ra l-atti kollha komprizi d-dokumenti esebiti mis-socjeta' rikorrenti, jaqta' u jiddeciedi illi t-talbiet tas-

socjeta' rikorrenti jimmeritaw li jkunu milqugha bid-dispensa tas-smiegh;

Ghal dawn il-mottivi il-Bord qed jilqa' t-tabiet tas-socjeta' attrici u ghalhekk;

Jiddikjara illi s-socjeta' ntimata hija moruza fil-pagament tal-kera fl-ammont ta' hmistax-il elf tmien mija sitta u tmenin Euro ghoxrin centezmu (€15,886.20) rapprezentanti arretrati ghall-perjodu 20 ta' Frar 2012 sad-19 ta' Awissu, 2013;

Jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas 'l fuq imsemmi ammont ta' hmistax-il elf tmien mija sitta u tmenin Euro ghoxrin centezmu (€15,886.20);

Jiddikjara xolta l-lokazzjoni mertu tal-kawza u l-iskrittura ta' lokazzjoni tal-25 ta' Ottubru, 2009 bejn il-partijiet

Jordna l-izgumbrament tas-socjeta' intimata mill-fond 'Corner Showroom', minghajr numru u isem, gia maghruf bhala F. Cordina & Sons Limited, konfinanti ma' Triq is-Sebha, maghruf ukoll bhala Mriehel Bypass u b'entratura minn Triq il-Kanun, Qormi, u dan fi zmien tletin (30) jum bil-lum;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------